MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 17/2003/1

Rikors Nru: 17/2003

Northern District Homing Union

Vs

Carmela armla ta' Joseph Bezzina, kif ukoll Maria mart Emanuel Gatt, Antonia Bezzina xebba Doris Bezzina soru, Alfred, Josephine armla ta' Angelo Xuereb, George, Carmelo, Lucy mart Luigi Camilleri, Salvina mart Charles Cortis, Victoria, Emanuel, Albert, Salvatore sive Sunny u Julian ahwa Bezzina ulied l-istess Carmela Bezzina

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-esponenti fejn jesponu bir-rispett

Illi l-esponenti gew notifikati b'ittra ufficjali prezentata fid-9 ta' Jannar 2003, f'liema ittra ufficjali l-intimati qed jgharrfu lill-esponenti illi b'effett mill-iskadenza li jmiss u cioe' b'effett mill-1 ta' April 2003, l-intimati jridu jghollu l-kera

ghal mitejn u sebghin Lira Maltin (Lm270) fis-sena u dan taht il-kundizzjonijiet vigenti tal-fond 124 Birkirkara Road, San Gwann.

Illi l-esponenti qed jopponu ruhhom ghall-awment mitlub stante illi l-kera vigenti ta mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) fis-sena hija gusta u timmerita konferma.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu illi dan il-Bord jghogbu jikkonferma illi l-kera vigenti hija gusta u timmerita konferma

Ra r-risposta tal-intimati kollha li jesponu reverentement:-

Illi, l-ewwelnett u qabel kollox ghandha ssir id-debita korrezzjoni billi l-ismijiet fl-okkju jigu invertiti.

Illi, subordinatament u minghajt ebda pregudizzju, ir-rikorrenti jridu jiddikjaraw ghall-fini ta' korrettezza liema huwa l-fond meritu ta dawn il-proceduri.

Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-kera ta mitejn u sebghin Liri Maltin (Lm270.00) fis-sena hija in konformita mal-ligi tenut kont mal-lokalita u fatturi ohra kif ahjar jigi ippruvat fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Ghar-ragunijiet suesposti, l-intimati umilment jissottomettu illi l-kera ghandha tigi awmetata ghas-somma ta mitejn u sebghin Liri Maltin (Lm270.00) fis-sena.

Ra l-verbal tas-7 ta' Lulju 2004.

Ra d-digriet tieghi tad-19 ta' Mejju 2003.

Ra d-digriet tieghi tad-19 ta'Mejju 2003 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r-relazzjoni ta l-imsemmija periti teknici li vera li ezaminaw il-fond u wara li ghamlu il- kalkoli kollha mehtiega a tenur ta l-Art 4(i)(b) tal-Kap 69 (qabel l-

ordinanza numru XXI ta' l-1931) waslu ghall-konkluzzjoni li l-kera xierqa li ma jeccedix l-40% li bih il-fond kiem mikri jew seta jinkera f'kull zmien qabel l-4 ta' Awissu ta' l-1914 hu ta mija u tnejn u tmenin lira Maltija (Lm182) fis-sena.

Jistabilixxu l-kera gust fl-awment ta mija u tnejn u tmenin lira Maltin fis-sena jithallas kull sena bil-quddiem kull 1 ta' April mill-iskadenza ta l-1 ta' April 2003 bil-kondizzjoni li x-xogholijiet ta manutenzjoni ordinarja ghandhom ikunu ghall-kerrej u xoghol iehor a karigu tas-sid. Ir-relazzjoni tal-periti taghmel parti shiha min din is-sentenza; spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------